# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 21 ta’ Mejju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**vs**
**Omissis 1**
**Omissis 2**
**Omissis 3**
**Joseph Chetcuti**

Kump. Numru 1270/2014

## Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra:-

**Omissis 1**; **Omissis 2**; **Omissis 3**; u

**Joseph Chetcuti**, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 435069 (M).

Akkuzati talli nhar il-21 ta’ Dicembru 2014 u/ jew fil-jiem u l-gimghat ta’ qabel xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehud b’qerq, jew akkwistaw b’reat u cioe’ vetturi ta’ l-ghamla Mercedes ML, Range Rover Evoque, Mercedes S Class u kif ukoll Mini Minor bin-numru ta’ registrazzjoni mhux maghrufa, u kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, u/jew, gewwa Malta xjentement, b’kull mod li jkun, idahlu jew ibieghu u / jew imexxu;

U lil **Omissis 2** wahdu akkuzat talli:-

1. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art. 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi iportata medicina perikoluza (cannabis resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat Joseph Chetcuti biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 23 u 31;
b) 334; u
c) 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jinstema' bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fid-29 ta' Jannar 2018[2] l-imputat ssolleva l-eccezzjoni ta' *nullum crime sine lege*. Rat ukoll id-degriet taghha[3] permezz ta' liema rrizervat li tipprovdi dwar l-eccezzjoni flimkien mal-mertu[4].
Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

---

[1] A fol 537.
[2] Ref verbal a fol 561.
[3] Mghoti waqt l-udjenza mizmuma fit-12 ta' Frar 2018 a fol 571.
[4] L-eccezzjoni giet ibbazata fuq il-fatt li l-artikolu 334 jipprovdi li r-ricettazzjoni trid tkun saret f'Malta u li l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li r-ricettazzjoni saret f'Malta. Ir-reat li bih qed jigi addebietat l-imputat huwa reat li minghajr dubbju ta' xejn li jezisti u huwa ravvizat f'l-artikolu imsemmi tal-Kodici Kriminali. Il-prosekuzzjoni fil-fatt addebietat lill-imputat b'dak ir-reat ghaliex hija tal-fehma li l-atti minnu kommessi jinkqadraw ruhhom f'dak ir-reat. Ir-rizoluzzjonin ta'l-eccezzjoni sollevata fil-verita tiddependi fuq evalwazzjoni tal-mertu u jekk l-prosekuzzjoni irnexxielhiex tipprova l-elementi kollha tar-reat in ezami, inkluz dak dwar fejn sehhet ir-ricettazzjoni.

Illi permezz tal-proceduri odjeni l-imputat qed jigi akkuzat b'ricettazzjoni ta' erbgha vetturi: Mercedes ML, Range Rover Evoque, Mercedes S Class u Mini Mino, vetturi allegatament misruqa minn Spanja u l-Italja.

Illi l-investigazzjoni fil-kaz odjern skattat f'l-20 ta' Dicembru 2014 meta PS1508 Emanuel Lapira kien xoghol is-Seaport. Huwa xehed[5] li kienet qed issir spezzjoni routine meta waqqfu vettura Mini Cooper li kellha numru ta' registrazzjoni EW 086 KZ misjuqa minn certu Erasmo De Cesare. Peress li De Cesare ma kellux d-dokumenti tal-vettura u peress li De Cesare kellu booking biex jirritorna lejn Sqallija ftit sieghat wara minghajr il-vettura, saru verifiki mill-pulizija u rrizulta li n-numru ta' registrazzjoni ma kienx ta' dik il-vettura imma ta' Fiat Cinque Cento li kient irrappurtata misruqa. Irrizulta ukoll li n-numru ta' registrazzjoni tal-Mini Cooper misjuqa minn De Cesare kien EM 929 YZ u li din il-vettura kienet rappurtata misruqa f'l-Italja fit-2 ta' Dicembru 2014[6]. De Cesare gie arrestat. Il-Pulizija kompliet tinvestiga u irrizulta li kien hemm zewg persuni ohra li dahlu Malta, b'vettura fuq l-istess catamaran u li kienu ser jirritornaw lura Sqallija ftit sieghat wara, minghajr vettura, fuq l-istess vapur bhal Decesare. Dawn kienu certu Luigi Cirilla u Luciano Siviglia; Cirilla kien qed isuq vettura ta' tip Mercedes ML 350 u Siviglia kien qed isuq vettura ta' tip Range Rover Evoque. Saru verifiki dwar il-vetturi misjuqa minn dawn iz-zewg persuni u irrizulta li anke dawn il-vetturi kienu rapportati misruqa u li n-numru ta' registrazzjoni li kellhom fuqhom meta nstaqu lejn Malta kien ta' vetturi ohrajn li ukoll kienu rappurtati misruqin. Cirilla u Siviglia gew intercettati meta kienu ser jirritornaw lejn Sqallija fuq il-katamaran ta'l-ghada fil-ghodu; huma dak il-hin kienu ma'l-imputat. Peress li l-imputat kien gie fuq l-istess vapur maghhom, u hu ukoll kien saq vettura lejn Malta (Mercedes S Class), huwa gie arrestat flimkien maz-zewg Taljani. Ix-xhud PS 1508 prezenta d-dokumentazzjoni relattiva mahruga mill-Virtu Ferries[7].

Illi SM 1460 George Farrugia xehed[8] u spjega li huwa ghamel spezzjoni ta' tlett vetturi: Mercedes S Class 350 Blue, Range Rover Evoque, u Mercedes M Class; l-ispezzjoni saret f'garaxx 7 Triq ix-Xwieki Gharghur fil-prezenza

[5] Ref depozizzjoni a fol 45 et seq.
[6] Dawn il-fatti gew konfermati mill-Ispettur Arthur Merceica, ref depozizzjoni a fol 201.
[7] Dok DC1 a fol 51 li hija l-passenger list tal-katamaran li dahal Malta f'l-20 ta' Dicembru 2014 u l-lista tal-vetturi misjuqa mill-passiggiera; Dok DC2 a fol 55 li hija l-confirmation list tal-passiggiera (u l-vetturi) li kellhom jitilqu mal-katamaran tal-21 ta' Dicembru 2014 fil-ghodu.
[8] Depozizzjoni a fol 62.

ta' l-imputat. Fil-kors ta' din l-ispezzjoni x-xhud seta jikkonstata x'kien ic-chassis number ta' kull wahda mill-vetturi imsemmija[9].

Illi xehedu ukoll PS90 Jeffrey Gerada[10] u PC1303 Brian Micallef[11]. Huma kienu prezenti fit-tfixxija li saret fil-mahzen / garaxx fi Triq ix-Xwieki Gharghur fil-prezenza ta'l-imputat wara li dan gie arrestat u zvela li kellu tlieta mill-karozzi fuq imsemmija fil-pussess tieghu. Fil-garaxx imsemmi fil-fatt instabu iz-zewg Mercedes u r-Range Rover Evoque. Fir-rigward tal-Mercedes M Class ma nstabu l-ebda dokumenti; fir-rigward tal-Mercedes S Class l-imputat kellu biss leasing agreement[12]; fir-rigward tar-Range Rover Evoque nstab l-log book[13]. Gie konstatat ukoll li l-imputat kellu biss cavetta wahda ta' kull wahda minn dawn it-tlett vetturi. PS 90 Gerada spjega ukoll li fil-mobile phone ta'l-imputat kien hemm diversi ritratti ta' vetturi minghajr number plates u li kienu qeghdin f'containers; kien hemm ukoll ritratti ta' vetturi lussuzi b'cifri miktuba fuqhom. PS90 kompla jispjega li meta tkellmu mat-tlett Taljani fuq imsemmija dawn allegaw li huma kienu gew inkarigati minn xi hadd ghan-nom ta'l-imputat biex isuqu l-vetturi rispettivi lejn Malta[14] u li kien l-imputat li hallas il-biljett tat-tragitt minn u lejn l-Italja. Kien l-imputat ukoll li wassalhom lura (lil Cirilla u Siviglia) lejn il-catamaran wara li saqu l-vetturi ghall-mahzen tieghu. Huma fil-fatt gew intercettati mill-pulizija meta waslu hdejn is-Seaport fil-vettura ta'l-imputat[15].

Illi xehed l-iSpettur Carlos Cordina[16] li spjega li huwa kien gie infurmat l-ewwel b'l-arrest ta' De Cesare, u sussegwentement b'l-arrest ta'l-imputat flimkien ma' Siviglia u Cirilla.  L-ispettur Cordina ukoll spjega li mill-investigazzjoni li ghamlu irrizultalhom li t-tlett persuni Taljani fuq imsemmija kienu gew inkarigati minn certu wiehed imlaqqam Zaza biex isuqu il-vetturi lejn il-port fejn kellhom jiltaqghu ma' wiehed Malti li kellu jhallsilhom il-biljetti biex ikun jistghu igiebu l-vetturi Malta. L-iSpettur Cordina ukoll jghid li l-vetturi imsemmija kienu misruqa u li kellhom

---

9 L-ispection sheets redatti minn PS1460 huma esebieti bhala Dok GF1 a fol 67 et seq tal-process.
10 Depozizzjoni a fol 70 et seq.
11 Depozizzjoni a fol 82 et seq.
12 Ghandu jigi rielevat li fid-dokument JG2 a fol 80 hemm indikat li flimkien mal-Mercedes S Class kien hemm log book u mhux leasing agreement.
13 L-ebda wiehed mid-dokumenti imsemmija ma gew esebiti in atti.
14 U li ghal dan kienu jithallsu mitejn u hamsin Euro.
15 Din ma kenitx wahda mill-veturi li kienu ghadhom kif idahhlu Malta.
16 Depozizzjoni a fol 99 et seq.

number plates li ma kienux taghhom u li dawn in-number plates ukoll kienu misruqa.

Illi xehed ukoll PS1330 Alexander Schembri[17] li qal fit-23 ta' Dicembru 2013 persuna b'lehen maskili u li identifika ruhu bhala Spanjol cempel l-ghassa tal-Belt biex jghidilhom li vettura tieghu, Mercedes S Class, kienet insterqet minn Spanja u li mill-GPS taghha jidher li mill-21 ta' Dicembru kienet qeghda l-Furjana hdejn l-ghassa tal-pulizija. Mill-verifiki li ghamel is-surgent irrizulta li l-vettura kienet qeghda fil-yard tac-CID fid-depot tal-Pulizija u kienet wahda mill-Mercedes li kienu ngiebu Malta u sekwestrati mill-pussess ta'l-imputat. Dan ix-xhud ma ta l-ebda informazzjoni dwar l-identita tal-persuna li ghamlet t-telefonata.[18]

Illi xehed l-iSpettur Arthur Mercieca[19] li kien involut biss f'l-istadju inizjali ta' l-invetigazzjoni u cioe meta gie arrestat De Cesare. L-iSpettuer Mercieca ukoll jallega li l-vettura misjua minn De Cesare kienet misruqa.

Illi fil-kors tal-proceduri gew nominati Joseph Zammit u Dr Stephen Farrugia Sacco bhala esperti. Joseph Zammit fir-relazzjoni tieghu[20] stabilixxa x'kien il-valur fuq is-duq ta' kull wahda mill-erbgha vetturi fuq imsemmija: il-Mini Cooper €16,000; ir-Range Rover €40,000; il-Mercedes M Class €18,500; u l-Mercedes S Class €20,000[21]. Dr Stephen Farrugia Sacco ukoll prezenta r-relazzjoni tieghu[22] f'liema hemm l-informazzjoni li kienet disponibbli miz-zewg mobiles phones sekwestrati minghand l-imputat.

Illi fil-kors tal-proceduri saret ukoll talba lill-awtoritajiet kompetenti Taljani u Spanjoli, permezz ta' ittri rogatorji, biex jigu prezentati *the documents of registration and documents of ownership* ta'l-erbgha vetturi imsemmija[23]. L-awtoritajiet Spanjoli baghtu d-dokumenti lilhom rikjesti[24]. Minn dawn

---

[17] Depozizzjoni a fol 187 et seq.

[18] Din l-informazzjoni giet korroborata minn WPC 250 Amanda Bunce (depozizzjoni a fol 225 et seq) u PS 1108 Sandro Grech (depozizzjoni a fol 228). Lanqas dawn iz-zewg ufficjali ma jaghtu informazzjoni dwar l-identita tal-persuna li cemplet.

[19] Depozizzjoni a fol 201 et seq.

[20] Esebita bhala Dok JZ1 a fol 125 et seq.

[21] L-imsemmi espert ghamel distinzjoni bejn il-valur attwali tal-vetturi fuq is-suq Ewropew u l-valur attwali fuq is-suq lokali (li kien xi ftit eluf anqas f'kull kaz) minhabba li tnejn mill-vetturi kienu left hand drive.

[22] Esebita bhala Dok SFS1 a fol 508 et seq.

[23] Lill-awtoritajoet Spanjoli intalbu d-dokumenti relattivi ghall-Mercedes S Class, u lill-awtroitajiet Taljani intalbu d-dokumenti relattivi ghall-vetturi l-ohra.

[24] Id-dokumenti a fol 278 et seq u t-traduzzjoni a fol 342 et seq.

jidher li l-Mercedes S Class kienet registrata f'isem il-Hertz u li fit-23 ta' Dicembru 2014 rapprezentant tal-Hertz f'Madrid ghamel rapport li persuna Taljana (Marco Bianchi) kien kera din il-vettura fit-12 ta' Dicembru 2014 mill-ajruport ta' Madrid u kellu jirritornaha f'l-20 ta' Dicembru 2014 pero huwa baqa ma rritornahiex. L-awtoritajiet Taljani baghtu d-dokumenti rikjesti fir-rigward tal-Mini Cooper u tal-Mercedes M Class[25]. Minn dawn jidher li l-Mini Cooper kienet registrata f'isem Lease Plan Italia spa, il-Mercedes M Class kienet registrata f'isem Clemente Lettiero.

Illi ghandu jigi rilevat li l-prosekuzzjoni ressqet li De Cesare, Cirilla u Siviglia bhala xhieda pero t-tlieta li huma prevalixxew ruhhom mill-fakulta li jixhdux stante proceduri pendenti fil-konfront taghhom.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija[26]. Huwa jghid li l-vetturi in ezami kien xtrahom meta mar Napli. Hemm tramite terz (certu Geni) ltaqa' ma wiehed jismu Enzo li hadu d-dar tieghu u urih xi vetturi (l-erbgha in ezami), innegozzjaw il-prezz u xtarahom; huwa hallas il-prezz permezz ta' flus kontanti li ha mieghu. Ghal Mercedes S Class hallas €55,000; ghall-Mercedes M Class hallas €15,000; ghar-Range Rover hallas €10,000; u ghall-Mini hallas €8,000. Jghid ukoll li din ma kenitx l-ewwel darba li mar l-Italja biex jixtri vetturi pero kienet l-ewwel darba li nizzel erbgha f'daqqa. L-imputat jghid li huwa ma kienx jaf li dawn il-vetturi kienu misruqa u li huwa xtrahom biex jbieghhom il-Libya.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe r-ricettazzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> *Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati ....*

[25] Id-dokumenti huma esebiti a fol 382 et seq. Ma jidhirx li ntabghatu d-dokumenti relattivi ghar-Range Rover Evoque imma minflok dawk dwar Volkswagan Passat b' numru ta' registrazzjoni EP 628 **VZ** (ir-Range Rover ghandha numru ta' registrazzjoni EP 628 **VY**).

[26] Esebita bhala Dok CC13 a fol 105 et seq.

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Darren Debono[27] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet li:

> *... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*
> *2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima;[28]w*
> *3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni.[29]*

Illu ghalhekk biex tirnexxi imputazzjoni dwar ricettazzjoni ghandha tingieb prova sufficjenti kemm ta'l-elementi materjali kif ukoll ta'l-elementi formali. Ikun inutli li tingieb prova li persuna kienet taf jew messa kienet taf li l-provenjenza ta'l-oggetti milqugha minnu kienet suspetta jekk l-ewwel ma tingiebx prova fil-grad rikjest mill-Ligi li dawk l-oggetti effettivament kienu *misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat.*

Illi dwar dan u dwar x'jikkostitwixxi prova sufficjenti tal-provenjenza illecita, partikolarment f'kazijiet bhal dan in ezami u cioe meta l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni tkun li l-oggetti jkun gejjin minn serq li sehh f'pajjiz iehor, ghamlet ezami approfondit l-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima[30]. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *L-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni).*

[27]Deciza 15 ta' Jannar 2009.
[28] Dawn huma l-elementi materjali.
[29] Dan huwa l-element formali.
[30]Deciza 25 ta' Ottubru 2002.

*Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-dispozizzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna): Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma]* ***la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore****.*[31] *Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…In fine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

*Fi kliem iehor,* ***il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni*** *– iz-zewg Land Rovers –* ***kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant.***[32] *Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali.* ***Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-***

[31] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[32] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

***vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser*[33]*.***

*Fil-kaz in ezami, il-prosekuzzjoni qed tallega li dawn il-vetturi kienu nsterqu fl-Ingilterra ........;* ***ghalhekk kellha ssir il-prova tas-serq bhalma ssir fir-rigward ta' kull oggett allegatament misruq, u cioe` billi l-oggett jigi identifikat bhala li kien fil-pussess ta' xi persuna partikolari, u li f'xi zmien ittiehed mill-pussess taghha kontra l-volonta` taghha u a skop ta' lukru. Tali prova, naturalment, ma ssirx bis-semplici dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur*[34]** *li "wasalna ghal din l-informazzjoni [li l-vetturi kienu misruqa fl-Ingilterra f'dati partikolari] wara diversi kuntatti li kellna mal-pulizija Ingliza nkluza l-Interpol"... ... jew bid-dikjarazzjoni generika "Minn aktar investigazzjoni li saret fuq dawn iz-zewg Land Rovers partikolari rrizultalna illi l-parts kollha ta' kull Land Rover kienu jappartjenu lil dik il-Land Rover partikolari u kellhom dawk il-parts meta dawn il-karozzi gew misruqa mill-Ingilterra". ... ... Anqas ma ssir tali prova billi tigi ezibita kopja ta' korrispondenza bejn il-pulizija f'Malta u l-pulizija barra minn Malta ....... Dawn id-dokumenti anqas biss huma prova tal-kontenut taghhom. Biex wiehed ikun qal kollox u jkun gust ma kulhadd, ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni – pulizija u Avukat Generali – f'dan il-kaz ippruvaw jaghmlu l-prova mehtiega permezz ta' ittri rogatorjali, fejn talbu d-deposizzjoni ta' certu Helvin Hudson u Colin Perks ...; pero`, ghal diversi ragunijiet li din il-Qorti m'ghadhiex ghalfejn tidhol fihom, dawn l-ittri rogatorjali baqghu ma gewx ezegwiti. Biex tikkonkludi fuq dan l-aggravju, din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li ma giex pruvat skond il-ligi li z-zewg vetturi in kwistjoni kienu ta' provenjenza illecita kif mehtieg skond l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.*

Illi fil-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-vetturi li nstabu fil-pussess ta'l-imputat kienu insterqu. L-unika prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni hija d-dokumenti li ntalbu mill-awtoritajiet esteri. Huwa relevanti li, a differenza ta' dak li ntalab lill-awtoritajiet esteri fil-kaz fuq

[33] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[34] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

kwotat, dak li talbet il-prosekuzzjoni ma kenitx id-depozizzjoni tal-propjetarji tal-vetturi jew ta' xi persuni li setghu jghatu informazzjoni dwar kif u meta sehh is-serq, imma *documents of registration and documents of ownership*. Intabghtu dokumenti li juru f'isem minn kienu registrati l-vetturi kollha hlif ir-Range Rover Evoque; fil-kaz tal-vettura ta' tip Mini Cooper intabghat ukoll rapport li sar lil-pulizija f'Madrid. Dawn id-dokumenti pero mhumiex prova sufficjenti li l-vetturi insterqu. F'l-ahjar ipotezi huma indikazzjoni ta' f'isem min kienu registrati l-vetturi fil-perjodu indikat fid-dokumenti, u fil-kaz tal-Mini Cooper juru li sar rapport lill-pulizija li l-persuna li kienet kriet din il-vettura ma rritorntahiex.[35] Dawn mhumiex provi kif tirrikjedi l-Ligi in sostenn ta'l-allegazzjoni li l-vetturi insterqu. Konsegwentement ma jistax jinghad li giet pruvata l-provenjenza illegittima tal-vetturi.

Illi dwar it-tieni element materjali, l-akkwist da parti ta'l-imputat ta' l-oggetti gejjin minn provenjenza illegittima, il-Ligi taghna tirrikjedi li l-persuna koncernata tkun laqghat l-oggetti ghandha f'Malta. Fil-fatt l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 fuq kwotat jispecifika li *min **f'Malta** xjentement jilqa' għandu ħwejjeġ misruqa* jista jinstab hati ta' ricettazzjoni. Dan irrispettivament minn fejn ikun sehh ir-reat originali, ghaliex l-artikolu 334 jkompli jipprovdi li r-reat in ezami jissussisti *sew jekk* ir-reat originali ikun sehh *f'Malta jew barra minn Malta*. Ghalhekk biex persuna tkun tista' tinstab hatja ta' ricettazzjoni irid jigi pruvat li sar reat, f'Malta jew barra minn Malta, fil-kors ta' liema ittiehdu xi oggetti illegittimament, u li dik il-persuna, **f'Malta,** laqghet dawk l-oggetti ghandha.

Illi f'dan ir-rigward, u cioe ir-rizoluzzjoni ta' l-mistoqsija jekk l-oggetti gejjin minn provenjenza intlaqghux f' Malta jew le, huwa essenzjali li jigi rilevat li r-reat in ezami, ricettazzjoni, huwa reat istantanju u javvera ruhu fil-mument li l-imputat jiehu l-pussess ta' l-oggetti; l-permanenza tal-pussess da parti ta' l-imputat ma tbiddilx n-natura tar-reat li jibqa wiehed istantanju.

Illi Manzini, kwotat mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Raymond Caruana[36], jghid li:

---

[35] Ghandu jigi rilevat li fil-kors tal-proceduri saret talba ghan-nom ta'l-allegati propjetarji tal-vetturi biex jigu rilaxxati favurihom; fost id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti hemm rapport li sar minn certa Claudia Scaroni mal-Carabinieri f'Ruma fejn gie allegat li fit-2 ta' Dicemnru 2014 insterqet il-Mini Cooper (ref fol 140); u hemm rapport li sar minn certu Cesare Falletti mal-Carabinieri f'Ruma fejn gie allegat li kienet insterqet ir-Range Rover (fol 154).
[36] deciza 9 ta' Gunju 2010.

*... il delitto di ricettazione ha carattere di reato istantaneo, e non permanente, ancorche` il fatto possa avere effetti permanenti. Tutto cio` che avviene dopo il suddetto momento consumativo del delitto di ricettazione (e che non concreti per se` stesso un reato), non puo` costituire, nella ipotesi dell'acquisto, della ricezione o dell'occultamento, che l'esercizio del possesso sul denaro o sulla cosa ricettata, come nel delitto di furto, mentre* ***il reato non consiste nell'esercizio del possesso, bensi nell'acquisto, nella ricezione o nell'occultamento del denaro o della cosa, fatto che si esaurisce appena conseguito il possesso***[37]*. E` poi particolarmente manifesto il carattere dell'istantaneita` del delitto di ricettazione nell'ipotesi dell'intromissione. Le varie pratiche, che il mediatore puo` esplicare con la stessa o con piu` persone per far acquistare, ricevere od occultare il denaro o le alter cose delittuose, non mantengono il delitto in stato di permanenza, ma possono dar luogo al delitto continuato, quando siano costituite da fatti commessi in diversi contesti d'azione, tenuto sempre presente che ogni singola azione, diretta allo scopo indicato, e` per se` sola consumativa del reato, per il quale non si esige il conseguimento dell'intento del colpevole.*

Illi aktar minn hekk, fil-kawza fuq kwotata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li rribadiet li r-ricettazzjoni huwa reat istantanju, u peress li f'dak il-kaz ir-ricetazzjoni kienet sehhet l-Italja, u minkejja li dik il-Qorti kienet konvinta mix-xjenza da parti ta'l-imputat li l-oggett ricettati kienu misruqa, ma sabitx htija, ghaliex il-Qrati Maltin ma kellhomx gurisdizzjoni.

Illi ghandu jinghad li fil-kaz in ezami ftit li xejn ingiebu provi dwar f'liema mument gie ikkunsmat ir-reat u cioe f'liema mument jista' jinghad li l-imputat laqgha ghandu l-vetturi fuq imsemmija. Dak li jirrizzulta indubbjament mill-provi huwa li l-imputat saq wahda mill-vetturi in ezami lejn Malta, hekk kif jirrizulta li t-tlett vetturi l-ohra instaqu lejn Malta minn De Cesare, Cirilla u Siviglia. Jirrizulta ukoll li minbarra l-Mini Cooper[38], li giet intercettata mill-pulizija hekk kif nizlet mill-catamaran, it-tlett vetturi l-ohra, u allura anke dawk misjuqa minn Cirilla u Siviglia u l-imputat, instabu fil-mahzen ta' l-imputat. Dawn il-fatti wahedhom pero mhux prova sufficjenti li r-ricettazzjoni da parti ta'l-imputat sehhet f'Malta, ghaliex ir-

---

[37] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[38] Misjuqa minn De Cesare.

ricettazzjoni fit-termini ta'l-artikolu 334 huwa reat istantanju li jippenalizza l-akkwist mhux il-pussess. Konsegwentment dak li kellha tipprova l-prosekuzzjoni mhux li l-imputat instab fil-pussess tal-vetturi f'Malta imma li l-akkwist taghhom da parti ta' l-imputat sehh f'Malta.

Illi dwar dan l-uffijcal prosekutur jghid li lill-pulizija rrizultalha li t-tlett persuni Taljani imsemmija gew inkarigati biex isuqu l-vetturi lejn Malta a spejjez ta'l-imputat, u li ta' dan kellhom jithallsu mitejn u hamsin Euro mill-istess imputat. Pero ma ngiebet l-ebda prova in sostenn ta' dan. Ma jirrizultax bi precizzjoni x'kien l-involviment ta' De Cesare, Cirillo u Siviglia u f'liema stadju gew inkarigati u minn min. Li hu zgur hu li dawn il-fatti kellhom jigu kjarifikati u precizati mill-prosekuzzjoni ghaliex jinkombi fuqha li tipprova l-elementi kollha tar-reat li bih qed jigi addebietat l-imputat.

Illi mbaghad hemm l-istqarrija ta' l-imputat li fiha jghid li mar Napli bil-flus kontanti, mar id-dar ta' Enzo, dan urih xi vetturi, innegzojaw il-prezz, waslu fi ftehiem, hallas il-prezz patwit, u ha l-vetturi. Jghid ukoll li din kienet l-ewwel darba li nizzel erbgha vetturi mieghu mill-Italja ghaliex normalment inizzel wahda meta jmur.

Illi tenut kont ta' dak li jghid l-imputat u tenut kont tal-ftit fatti li jirrizultaw kif grad rikjest mill-Ligi, ma jidher li r-ricettazjoni tal-vetturi saret f'Malta.

Illi in vista tas-suespost huma nieqsa l-elementi materjali rikjesti mill-Ligi biex ikun jista' jissussti r-reat in ezami.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

In konkluzzjoni l-Qorti mhix ser tordna r-rilaxx tal-vetturi esebieti formalment f'l-atti ta' dawn il-proceduri qabel ma jigi determinat quddiem il-Qorti kompetenti min ghandu dritt ghalihom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**